# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.2-3.3

**Kap: Il-qalb tajba**

**Lezzjoni:3.2/3.3 Ngħinu lil xulxin**

**Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu li, li tgħin lil ħaddieħor hija ħaġa tajba ħafna
2. Jirrealizzaw li meta jgħinu lil xulxin isiru ferħanin huma wkoll.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video tal-istorja 'The Dove and the Ant' ta' Esopu.
- Video tal-kanzunetta 'Once We Help Each Other'.
- Karta ta' taħriġ 3.2.

-



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lil xi wieħed/waħda mill-istudenti biex jgħin f'xi ħaġa żgħira - eżempju - isellfek lapes, jew jgħinek tressaq xi mejda.
- Staqsi lit-tfal biex jevalwaw x'kien ġara. Per eżempju: L-istudent ikun ħassu importanti u wara li l-għalliema qaltlu 'grazzi' jkun ħassu ferħan.
- Ħajjar lit-tfal joqogħdu attenti għax ser ikunu se jaraw storja.



## Nisimgħu flimkien (Il-qofol tal-lezzjoni)

1. Uri l-vidjow tal-istorja 'The Dove and the Ant' mill-ħrejjef ta' Esopu: http://www.youtube.com/watch?v=x-1MQij1bK8
2. Erġa' fakkar l-istorja biex tara li t-tfal fehmu l-istorja sew.
3. Staqsi lit-tfal xi jkunu tgħallmu mill-istorja.
    - Kif ħassitha l-ħamiema meta rat in-nemla salva?
4. Iddiskuti mat-tfal u pprova oħroġ it-tagħlima li meta tgħin lil xi ħadd tkun qed tagħmel ħabib ġdid.
5. Fakkar li mhux bilfors li tistenna lil xi ħadd jgħinek lura biex ipatti għal meta kont għentu inti. Wieħed għandu jgħin għax hekk hu sewwa li tagħmel.



6. Fiehem li kulħadd jiġi bżonn lil xi ħadd xi darba. U li m'għandniex naħsbu li aħna xi Superman u ma għandna bżonn lil ħadd.

7. Fakkar li għalkemm il-ħamiema kienet akbar min-nemla u għalhekk aktar b'saħħitha kellha tkun nemla li tigdem lill-kaċċatur biex ma jolqotx lill-ħamiema.

8. Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 3.2. Spjega Attività 1 u bħala klassi ddiskuti r-risposti t-tajba.

9. Aqra Attività 2 u niżżel fil-bżieżaq il-kliem addattat.

10. Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara u ddiskuti l-ferħ meta naħdmu biex kulħadd ikun kuntent.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Aħna għandna bżonn lil xulxin.
2. Kemm tħossok ferħan meta tgħin lil xi ħadd!
3. Kemm tħossok ferħan meta xi ħadd jgħin lilek!
4. Meta ngħinu lil xulxin inkunu qegħdin nagħmlu ħbieb ġodda.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

L-istudenti jifhmu li kuljum hemm bżonn li jgħinu lill-oħrajn – m'hemmx matul il-ġimgħa, jew il-Ħadd.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Fl-aħħar tal-lezzjoni it-tfal jisimgħu l-kanzunetta

'Once We Help Each Other' link fuq You tube

http://www.youtube.com/watch?v=GArRCWGvDM8



## Nitolbu

O Ġesu', għinna biex meta xi darba jkollna bżonn ngħinu lil xi ħadd u ma nkunux nafu kif, Inti tkun magħna, tgħinna ħalli nkunu nistgħu nagħmlu ħaġa tajba billi ngħinu lil xi ħadd li jkollu bżonn.

